MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tas-7 ta' Novembru, 2005

Talba Numru. 1742/2005

**Casapinta Design Group Limited**

**vs**

**Special Interests Outlets Limited**

It-Tribunal

Ra l-Avviz f'l-ismijiet premessi prezentat fid-19 ta' Settembru 2005 li permezz tieghu s-socjeta attrici talbet hlas tas-somma ta' sitta u hamsin lira Maltija u erbgha u sittin centezmu (Lm56.64) rapprezentanti prezz ta' servizzi rezi lis-socjeta konvenuta fuq struzzjonijiet taghha stess u dana skond fattura li ggib in-numru 8816 b'l-imghaxx u b'l-ispejjez inkluz dawk ta'l-ittra legali datata 6 ta' Lulju 2005.

Ra n-nota ta’ Mistoqsijiet tas-socjeta attrici sabiex is-socjeta konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigu pruvat ai termini ta’ l-Artikoli 698(2) u 702 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta u l-Artikolu 13 (b) tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ra li ghalkemm is-socjeta konvenuta giet notifikata b’l-avviz fit-3 ta’ Ottubru 2005, naqset li tidher meta gew prezentati l-Kapitoli u anke llum, u ghalhekk in-Nota ta’ Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ghaldaqstant, it-Tribunal jaqta u jiddeciedi billi jilqa t-talbiet attrici u jikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas is-somma ta’ sitta u hamsin lira Maltija u erbgha u sittin centezmu (Lm56.64) b’l-imghaxx u b’l-ispejjez kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------